

32001R0466

16.3.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 77/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 466/2001
tat-8 ta' Marzu 2001
li jistabbilixxi livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-kontaminanti fl-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku ta' l-Ikel (SCF)

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 315/93 jipprovdi illi jridu jiġu ffixxati l-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika. Dawn il-livelli massimi jridu jiġu adottati fil-għamla ta' lista Komunitarja mhux eżawrjenti li jista' jkun fiha l-livelli għall-istess kontaminant f'oġġetti ta' l-ikel differenti. Il-metodi tat-teħid tal-kampjuni u ta' l-analiżi li jridu jiġu applikati jistgħu jiġu speċifikati.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 194/97 tal-31 ta' Jannar 1997, li jiffissa l-livelli massimi għal-ċerti kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel ⁽²⁾ kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1566/1999 ⁽³⁾, ġie emendat sostanzjalment numru ta' drabi. Ġaladarba jridu jsiru iktar emendi, għandu jiġi abbozzat mill-ġdid fl-interess taċ-ċarezza.
- (3) Huwa essenzjali, sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika, li l-kontaminanti jinżammu f'livelli li huma aċċettabbli

tossikoloġikament. il-preżenza tal-kontaminanti trid tiġi mnaqqsa b'mod iktar bir-reqqa kull meta possibbli permezz ta' prattiċi tajba tal-fabbrikazzjoni jew tal-biedja, sabiex jinkiseb livell oġġetiv ta' protezzjoni għas-saħħa, speċjalment għal gruppi sensitivi tal-popolazzjoni.

- (4) Billi, minħabba d-disparitajiet bejn il-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward il-livelli massimi għall-kontaminanti f'ċerti oġġetti ta' l-ikel u r-riskju konsegwenti ta' tagħwiġ fil-kompetizzjoni, huma meħtieġa miżuri Komunitarji sabiex tiġi żgurata l-unita tas-suq filwaqt li jżommu mal-prinċipju tal-proporzjonalita;
- (5) Billi l-Istati Membri jridu jadottaw miżuri xieraqi tas-sorveljanza rigward il-preżenza ta' kontaminanti fl-oġġetti ta' l-ikel.
- (6) Sa issa, l-leġislazzjoni Komunitarja ma tiffissax livelli massimi għall-kontaminanti fl-ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar koperti bid-Direttiva tal-Kummissjoni 91/321/KEE ⁽⁴⁾ kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/50/KE ⁽⁵⁾, u d-Direttiva tal-Kummissjoni 95/5/KE ⁽⁶⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 1999/39/KE ⁽⁷⁾. Wara li ġie kkonsultat il-SCF, għandhom jiġu stabbiliti l-livelli speċifiċi massimi għal dawn l-oġġetti ta' l-ikel. Sa dak in-nhar għandhom japplikaw ukoll il-livelli ffixxati f'dan ir-Regolament għal dawn l-oġġetti ta' l-ikel safejn u sakemm ma' jkun għad għad stabbiliti livelli iktar stretti bil-leġislazzjoni nazzjonali.

⁽¹⁾ ĠU L 37, tat-13.2.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 31, ta' l-1.2.1997, p. 48.

⁽³⁾ ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 17.

⁽⁴⁾ ĠU L 175, ta' l-4.7.1991, p. 35.

⁽⁵⁾ ĠU L 139, tat-2.6.1999, p. 29.

⁽⁶⁾ ĠU L 49, tat-28.2.1996, p. 17.

⁽⁷⁾ ĠU L 124, tat-18.5.1999, p. 8.

- (7) L-ingredjenti ta' l-ikel użati fil-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel komposti għandhom iħarsu l-livelli massimi ffisati f'dan ir-Regolament minn qabel iż-żieda ma' l-oġġett ta' l-ikel imsemmi sabiex jiġi evitat li dana jinħall.
- (8) Il-ħxejjex ta' l-ikel huma s-sors maġġuri tan-nitrati li jiekol il-bniedem. Il-SCF fl-opinjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 1995 iddikjara illi t-total ta' kemm jittieħdu nitrati huwa normalment ħafna iktar baxx mill-assorbiment ta' kuljum aċċettabbli. Madanollu, hija rrakkommandata l-kontinwazzjoni ta' l-isforzi sabiex titnaqqas l-esposizzjoni għan-nitrati permezz ta' l-ikel u l-ilma ġaladarba n-nitrati jistgħu jiġu maqluba f'nitrati u nitrosamini, u huwa mheg-geġ illi jiġu adottati prattiċi tajba tal-biedja sabiex jiġi żgurat illi l-livelli tan-nitrati jkunu baxxi daqskemm jistgħu jinkisbu b'mod raġjonevoli. Il-SCF enfasizza lli t-tħassib dwar il-preżenza tan-nitrati ma għandux jiskoraġġixxi iż-żieda fil-konsum tal-ħxejjex ta' l-ikel ġaladarba l-ħxejjex ta' l-ikel għandhom funzjoni nutrimentali essenzjali u għandhom rwol importanti fil-protezzjoni tas-saħħa.
- (9) Miżuri speċifiċi ddisinjati sabiex jikkontrollaw aħjar is-sorsi tan-nitrati flimkien mal-kodiċijiet tal-prattika tajba tal-biedja jistgħu jgħinu li jitnaqqsu l-livelli tan-nitrati fil-ħxejjex ta' l-ikel. Madankollu, l-kondizzjonijiet tal-klima wkoll jinfluwenzaw il-livelli tan-nitrati f'ċerti hejjex ta' l-ikel. Għandhom għalhekk jiġu ffissati livelli massimi differenti għall-ħxejjex ta' l-ikel skond l-istaġun. Il-kondizzjonijiet klimatiki jvarjaw ħafna f'partijiet differenti tal-Komunità. Għalhekk, l-Istati membri għandhom jitħallew, għal perjodu transitorju ta' żmien, jawtorizzaw il-marketing tal-ħass u l-ispinaċi mkabbra u maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom livelli tan-nitrat iktar għolja minn dawk iffissati fil-punti 1.1 u 1.3 ta' l-Anness I, sakemm il-kwantitajiet preżenti jibqgħu aċċettabbli mil-lat tas-saħħa pubblika.
- (10) Il-produtturi tal-ħass u l-ispinaċi stabbiliti fl-Istati Membri li jkunu taw l-awtorizzazzjonijiet msemmija hawn fuq għandhom jimmodifikaw progressivament il-metodi tagħhom tal-biedja billi japplikaw il-prattiċi tajba rrakkommandati fil-livell nazzjonali, sabiex fl-aħħar tal-perjodu transitorju taż-żmien jikkonformaw mal-livelli massimi stabbiliti fil-livell Komunitarju. Huwa mixtieq illi jinkisbu valuri komuni mill-aktar fis possibbli.
- (11) Il-livelli stabbiliti għall-ħass u l-ispinaċi għandhom jiġu rri-veduti u, jekk possibbli, imnaqqsa qabel l-1 ta' Jannar 2002. Din ir-reviżjoni trid tkun imsejsa fuq il-monitoraġġ imwettaq mill-Istati Membri u l-applikazzjonijiet tal-kodiċijiet tal-prattika tajba tal-biedja sabiex jiġu ffisati livelli massimi baxxi daqs kemm jistgħu jinkisbu b'mod raġjonevoli.
- (12) Il-monitoraġġ tal-livelli tan-nitrat fil-ħass u l-ispinaċi u l-applikazzjoni ta' prattiċi tajba tal-biedja għandhom jittwettqu billi jintużaw il-mezzi xieraqi għall-mira, ir-riżultati tal-monitoraġġ miksuba u l-esperjenza għwadanjata. Trid tiġi osservata l-applikazzjoni tal-kodiċijiet tal-prattika tajba tal-biedja f'uħud mill-Istati Membri. Huwa għalhekk xieraq illi kull sena l-Istati membri jikkomunikaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tagħhom u jirrapportaw dwar il-miżuri meħuda u l-progress rigward l-applikazzjoni tal-kodiċijiet tal-prattika tajba tal-biedja sabiex inaqqsu l-livelli tan-nitrati u li skambju tal-veduti ma' l-Istati Membri dwar dawn ir-rapporti jrid isir kull sena.
- (13) Il-limiti l-baxxi jiġu ffissati għall-ħass imkabbar fl-apert iktar milli għall-ħass imkabbar fis-serra, u sabiex jitħalla l-kontroll effettiv, il-limiti ffissati għall-ħass imkabbar fl-apert għandhom japplikaw ukoll għall-ħass imkabbar fis-serra fl-assenza ta' tikkettjar preċiż.
- (14) L-aflatossini huma mikotossini prodotti minn ċerti speċji ta' *Asperillus*, li jiżviluppaw f'temperaturi u livelli ta' l-umdieta għolja L-aflatossini huma sustanzi ġenotosiċi u karċinoġeniċi u jistgħu jkunu preżenti f'numru kbir ta' ikel. Għas-sustanzi ta' dan it-tip ma teżisti l-ebda għatba li taħtha ma jiġi osservat l-ebda effett ta' ħsara. Għalhekk ma jista' jiġi ffissat l-ebda assorbiment ta' kuljum tolerabbli. Il-għerf xjentifiku u tekniku korrenti u t-titjib fil-produzzjoni u l-mod tat-teknika tal-ħażna ma jipprevjenux l-iżvilupp ta' dawn il-mofof u b'konsegwenza ta' dan ma jippermettux li tiġi eliminata għal kollox il-preżenza ta' l-aflatossini fl-ikel. Huwa għalhekk tal-parir li jiġu ffissati limiti baxxi daqs kemm jistgħu jinkisbu b'mod raġjonevoli.
- (15) Għandhom jiġu inkoraġġiti sforzi sabiex jittejbu l-metodi tal-produzzjoni, tal-ħsad u tal-ħażna sabiex jitnaqqas l-iżvilupp tal-mofof. Il-grupp ta' l-aflatossini jinkludi numru ta' komposti ta' tossiċità u frekwenza varji fl-ikel. L-aflatossin B1 huwa bla dubju ta' xejn il-kompost l-iktar tossiku. Huwa tal-parir, għar-raġunijiet ta' sigurtà, li jiġu limitati kemm il-kontenut totali ta' l-aflatossin fl-ikel (fil-komposti B1, B2, G1 u G2) u l-kontenut ta' l-aflatossin B1. L-aflatossin M1 huwa prodott metaboliku ta' l-aflatossin B1, u huwa preżenti fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib mill-annimali li jkunu kkunsmaw ikel ikkontaminat. Saħansitra jekk l-aflatossin M1 jiġi meqjus bħala sustanza ġenotossi karċinoġenika inqas perikoluża mill-aflatossin B1, huwa meħtieġ li tiġi pprevenuta l-preżenza tiegħu fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib għall-konsum mill-bniedem u b'mod partikolari mit-tfal żgħar.

- (16) Huwa magħruf illi l-metodu tal-għażla jew metodi oħra ta' trattament fiżiku jagħmlu possibbli illi jitnaqqas il-kontenut ta' l-aflatossin fil-karawett, il-ġewż u l-frott imnixxef. Sabiex jiġu mminimizzati l-effetti fuq il-kummerċ, huwa konsegwentement mixtieq li jiġi ammess kontenut ogħla ta' l-aflatossin għal dawk il-prodotti li ma jkunux maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjenti fl-oġġetti ta' l-ikel. F'dawn il-każijiet, il-limiti massimi ta' l-aflatossini ġew iffissati billi tqiesu fl-istess ħin l-effetti possibbli magħrufa tat-trattamenti imsemmija hawn fuq tal-karawett, il-ġewż u l-frott imnixxef rispettivament u l-ħtieġa tat-tħaris, wara t-trattament, tal-limiti massimi ffixsati għal dawk il-prodotti maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew sabiex jiġu wżati bħala ingredjenti fl-oġġetti ta' l-ikel. Fil-każ ta' ċereali, ma jistax jiġi eskluż illi l-metodi ta' l-għażla jew ta' trattamenti oħra fiżiċi jistgħu inaqqsu l-livell tat-tniġġiż ta' l-aflatossini. Sabiex tkun tista' tiġi ċekkjata l-effikaċja reali ta' dawn il-metodi u, jekk meħtieġ, sabiex jiġu ffixsati l-limiti massimi għaċ-ċereali mhux ipproċessati, huwa previst għal perjodu limitat taż-żmien li jiġu applikati il-limiti massimi stabbiliti fl-Anness I għaċ-ċereali u l-prodotti pproċessati tagħhom maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel biss. Fin-nuqqas ta' informazzjoni li tiġġustifika li jiġi ffixsat il-limitu massimu għaċ-ċereali mhux ipproċessati, wara perjodu ddefinit sewwa taż-żmien, il-limitu massimu stabbilit għaċ-ċereali u għall-prodotti pproċessati tagħhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem jew bħala ingredjent ta' l-ikel, irid japplika wkoll għaċ-ċereali mhux ipproċessati.
- (17) Sabiex jitħalla l-kontroll effettiv rigward il-limiti varji ffixsati għall-prodotti in kwistjoni, huwa xieraq li tkun magħrufa d-destinazzjoni eżatta b' tikkettjar xieraq. Il-prodotti b' livelli ta' aflatossin li jaqbżu l-limitu massimu ma' jistgħux jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni, jew bħala ta' hekk, wara taħlita ma' oġġetti oħra ta' l-ikel jew bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel. Skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 315/93, l-Istati Membri jistgħu jżommu d-disposizzjonijiet nazzjonali tagħhom li jirrigwardaw il-limiti massimi ta' l-aflatossini f'ċerti oġġetti ta' l-ikel li għalihom ma għiet adotta l-ebda disposizzjoni Komunitarja;
- (18) L-assorbiment taċ-ċomb jista' jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa pubblika. Iċ-ċomb jista' jikkaġuna tnaqqis fl-iżvilupp tal-konozzenza u tat-twettiq tax-xogħol intellettuali fit-tfal u żieda fil-pressjoni tad-demem tal-mard kardjovaskulari fil-kbar. Matul l-aħħar għaxar snin il-livelli fl-ikel naqsu b'mod sinifikanti minħabba l-konozzenza taċ-ċomb bħal problema tas-saħħa u l-isforzi li għandom x'jaqsmu mas-sors sabiex titnaqqas l-emissjoni taċ-ċomb titjib fl-assigurazzjoni tal-kwalita' fl-analiżi kimika. Il-SCF kkonkluda fl-opinjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 1992 illi l-livell medju taċ-ċomb fl-oġġetti ta' l-ikel ma jidherx li huwa kawża għall-allarm, madankollu, għandha ssegwi azzjoni fuq skond fit-tul mil-mira li jitbaxxew iktar il-livelli taċ-ċomb fl-oġġetti ta' l-ikel. Għalhekk, il-livelli massimi għandhom ikunu baxxi daqs kemm jista' jkun b' mod raġjonevoli.
- (19) Il-kadmju jista' jakkumula fil-ġisem tal-bniedem u jista' jikkaġuna n-nuqqas fil-funzjoni tal-kliewi, ħsara fil-għadam u deficijenzi fir-riproduzzjoni. Ma jistax jiġi eskluż li jaħdem bħala karċinoġenu għall-bniedem. Il-SCF, fl-opinjoni tiegħu tat-2 ta' Ġunju 1995, irrakkommanda sforzi iktar sabiex titnaqqas l-esposizzjoni tad-dieta għall-kadmju għad-darba l-oġġetti ta' l-ikel huma s-sors ewlieni ta' l-assorbiment tal-kadmju mill-bniedem. Għalhekk, il-livelli massimi għandhom ikunu baxxi daqs kemm jista' jinkiseb b'mod raġjonevoli.
- (20) Il-metilmerkurju jista' jikkaġuna bidliet fl-iżvilupp normali tat-trabi u flivelli iktar għolja jistgħu jikkaġunaw bidliet newroloġiċi fil-kbar. Il-merkurju iniggeż l-iktar lill-ħut u l-prodotti mis-sajd. Sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika mil-livelli massimi tal-merkurju fil-prodotti mis-sajd huma stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummssjoni 93/351/KEE (1). Għar-raġunijiet tat-trasparenza, il-miżuri rilevanti stabbiliti b'din id-Deċiżjoni għandhom jiġu ttrasferiti għar-Regolament preżenti u aġġornati. Il-livelli għandhom ikunu baxxi daqs kemm jista' jinkiseb b'mod raġjonevoli, filwaqt li jitqies illi għal raġunijiet psikoloġiċi ċerti speċji jikkonċentraw il-merkurju b'mod eħfef fit-tessut tagħhom minn oħrajn.
- (21) It-3-monokloropropane-1,2-dijol (3 MCDP) jiġi maħluq matul il-proċessar ta' l-ikel taħt ċerti kondizzjonijiet. B'mod partikolari, jist' jiġi prodott matul il-fabbrikazzjoni ta' l-ingredjent "proteina idrolizzata tal-ħxejjex ta' l-ikel" ta' l-ikel li jqajjem l-aptit li jiġi prodott permezz tal-metodu ta' l-idrolisi ta' l-aċidu (l-aċidu-HVP). Bl-aġġustament tal-proċessi tal-produzzjoni, inkiseb tnaqqis sinifikanti tat-3-MCPD fil-prodott imsemmi hawn fuq dawn l-aħħar snin. Dan l-aħħar, numru ta' Stati Membri irrapportaw ukoll livelli għolja tat-3-MRCP f' ċerti kampjuni taz-zalza tas-sojja. Sabiex tiġi infurzata l-prattika t-tajba fil-fabbrikazzjoni u sabiex tiġi protetta s-saħħa pubblika, għandhom jiġu sabbiliti livelli massimi għat-3-MCDP. Fl-opinjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 1994, li kienet ikkonfermat fit-12 ta' Ġunju 1997, il-SCF ta l-parir illi t-3-MCPD għandu jitqies bħala kardinogenu ġenotossiku u li l-fdalijiet tat-3-MCPD fil-prodotti ta' l-ikel ma għandhomx jinkixfu. L-istudji tossilokoloġiċi mwettqa dan l-aħħar jindikaw illi s-sustanza taġixxi bħala karċinipenu penotossiku *in vivo*.

(1) ĠU L 144, tas-16.6.1993, p. 23.

- (22) Il-livelli massimi ffixati fl-Anness I għat-3-MCPD huma msejsa fuq l-opinjoni tal-SCF. Il-SCF jrid jivvaluta mill-ġdid it-tossiċità tat-3-MCPD fid-dawl ta' l-istudji ġodda. L-adegwatezza tal-livelli massimi għandha titqies mill-ġdid hekk kif tkun disponibbli l-opinjoni tal-SCF. L-Istati membri hum mitluba li jeżaminaw oġġetti oħra ta' l-ikel għall-okkorrenza tat-3-MCPD sabiex jikkunsidraw il-ħtieġa li jiddissaw il-livelli massimi għal oġġetti miżjuda ta' l-ikel.
- (23) Kull livell massimu adottat fil-livell Komunitarju jrid jiġi rivedut regolament sabiex iqis l-avvanz ta' l-għerf xjentifiku u tekniku u t-titjib fil-prattiki tal-fabbrikazzjoni u l-biedja bil-mira li jinkisbu livelli dejjem imnaqqsqa iktar.
- (24) Il-miżuri provvduti f' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel,

L-ewwel sub-paragrafu għandu japplika safejn u sakemm ma jiġu ffixati ebda livell għal dawn il-prodotti mnixxa, ipproċessati jew komposti.

2. Il-livelli massimi speċifikati fl-Anness I għandhom japplikaw ukoll għall-ikel maħsub għat-trabi u t-fal żgħar kopert bid-Direttiva 91/321/KEE u d-Direttiva 95/5/KE safejn u sakemm ma jkun ġie ffixat l-ebda livell iktar strett bil-leġislazzjoni nazzjonali għall-prodotti speċifikati ta' l-oġġetti ta' l-ikel, filwaqt li jiqiesu rispettivament il-bidliet fil-konċentrazzjoni tal-kontaminant ikkaġunati bit-tnixxif, it-tagħmid jew l-iproċessar u l-konċentrazzjonijiet relattivi ta' l-ingredjenti fil-prodott. Għandhom jiġu stabbiliti l-iktar tard sal-5 ta' Aril 2004 il-livelli massimi speċifiċi tal-kontaminanti għal dawn l-oġġetti ta' l-ikel.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 3(1) u 4(3), huwa pprobit li jintaw il-prodotti bħala ingredjenti ta' l-ikel għall-produzzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel kompost li ma jikkonformawx mal-livelli massimi ffixati fl-Anness I.

Artikolu 3

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-oġġetti ta' l-ikel indikati fl-Anness I ma jridx ikun fihom livelli ta' kontaminanti ogħla minn dawk speċifikati f'dan l-Anness meta jitqiegħdu fis-suq.
2. Il-livelli massimi speċifikati fl-Anness I għandhom japplikaw għall-parti li tittiekel ta' l-oġġetti ta' l-ikel imsemmija.
3. It-teħid tal-kampjuni u l-metodi ta' l-analiżi għandhom ikunu dawk speċifikati fl-Anness I.

Artikolu 2

1. Fil-każ tal-prodotti, għajr dawk imsemmija taħt l-Artikolu 4(1), li huma mnixxa, maħlula, ipproċessati jew komposti minn iktar minn ingredjent wieħed, il-livell massimu applikabli għandu jkun dak stabbilit fl-Anness I, filwaqt li jitqiesu rispettivament:
 - (a) il-bidliet fil-konċentrazzjoni tal-kontaminant ikkaġunat bil-proċessi tat-tnixxif jew tat-tagħmid,
 - (a) il-bidliet fil-konċentrazzjoni tal-kontaminant ikkaġunat mill-proċessar,
 - (c) il-proporzjonijiet relattivi ta' l-ingredjenti fil-prodott u
 - (d) il-limitu analitiku tal-kwantifikazzjoni.

1. L-Istati Membri jistgħu, meta ġġustifikat, jawtorizzaw għal perjodu transitorju taż-żmien it-tqegħid fis-suq tal-ħass u l-ispinaċi mkabbra u maħsuba għall-konsum fit-territorju tagħhom, b'livelli ta' nitrati ogħla minn dawk iffixati bħala liveli massimi fil-punti 1.1 u 1.3 ta' l-Anness sakemm jiġu applikati l-kodiċijiet tal-prattika t-tajba tal-biedja sabiex jinkiseb progress gradwali lejn il-livelli stabbiliti f'dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni kull sena dwar il-passi meħuda sabiex jiġi implementat l-ewwel sub-paragrafu.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, ir-riżultati tal-monitoraġġ tagħhom u jirrappurtaw dwar il-miżuri meħuda u l-progress magħmul rigward l-applikazzjoni u t-titjib fil-kodiċijiet tal-prattika t-tajba tal-biedja sabiex jitnaqqsu l-livelli tan-nitrati fil-ħass u l-ispinaċi. Dan it-tagħrif għandu jkun fih ukoll l-informazzjoni li fuqhom ikunu msejsa l-kodiċijiet tagħhom tal-prattika t-tajba fil-biedja.

3. L-Istati Membri, li ma japplikawx il-paragrafu 1, għandhom iwettqu l-monitoraġġ tal-livelli tan-nitrati fil-ħass u l-ispinaċi u japplikaw il-prattiki t-tajba tal-biedja li jużaw mezzi pproporzjonati mal-mira mixtieqa, il-monitoraġġ tar-riżultati miksuba, b'mod partikolari fid-dawl tar-riskji u l-esperjenza miksuba.

Artikolu 4

1. Il-limiti massimi ta' l-afflotossini li japplikaw għall-prodotti, kif stabbiliti fil-punti 2.1.1.1 u 2.1.2.1 ta' l-Anness I għandhom japplikaw ukoll għall-prodotti pproċessati tagħhom safejn u sakemm ma jkunu fissi l-ebda limiti massimi għal dawn il-prodotti pproċessati.

2. Rigward l-aftossi fil-prodotti msemija fil-punt 2.1 ta' l-Anness I, huwa pprojbit:

- (a) illi jitħalltu prodotti li jikkonformaw mal-limiti massimi stabbiliti fl-Anness I ma' prodotti li jaqbżu dawn il-limiti massimi jew li jitħalltu prodotti li jkunu jridu jiġu ssoġġettati għal metodu tat-teknika tal-għażla minn xulxin jew għal trattament fiżiku ma' prodotti maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel,
 - (b) li jintużaw prodotti li ma jikkonformawx mal-livelli massimi stabbiliti fil-punti 2.1.1.1, 2.1.2.1 u 2.1.3 ta' l-Anness I bħala ingredjent għall-fabbrikazzjoni ta' oġġetti oħra ta' l-ikel,
 - (ċ) li jneħħu t-tossiċità tal-prodotti bi trattamenti kimiċi.
3. Il-karawett, il-ġewż u l-frott imnixxef li ma jikkonformawx mal-limiti massimi ta' l-aftossn stabbiliti fil-punt 2.1.1.1 ta' l-Anness I u ċ-ċereali li ma jikkonformawx mal-limiti massimi stabbiliti fil-punt 2.1.2.1 jistgħu jitqiegħdu fis-suq sakemm dawn il-prodotti:

- (a) ma jkunux maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew użati bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel,
- (b) jikkonformaw mal-limiti massimi stabbiliti fil-punt 2.1.1.2 ta' l-Anness I fil-klaż tal-karawett u l-punt 2.1.1.3 ta' l-Anness I fil-każ tal-ġewż u l-frott imnixxef,
- (ċ) ikunu ġew issoġġettati għal trattament sekondarju li jinvolvi l-għażil fi gruppi jew trattamenti oħra fiżiċi u li wara dan it-trattament ma jaqbżux il-limiti massimi fil-punti 2.1.1.1 u 2.1.2.1 ta' l-Anness I, u dan it-trattament ma jirriżultax fi fdalijiet oħra ta' ħsara;
- (d) ikunu ttikkettati biċ-ċar fejn juru d-destinazzjoni tagħhom, jgħorru l-indikazzjoni "il-prodott ridx ikun issoġġettat għall-għażil fi gruppi jew trattament ieħor fiżiku sabiex titnaqqas il-kontaminazzjoni ta' l-aftossin qabel il-konsum mill-bniedem jew l-użu bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel".

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Marzu 2001.

Artikolu 5

1. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri l-oħra sabiex jiċċekkjaw il-konformita mal-livelli massimi tan-nitrati stabbiliti fit-taqsim 1 ta' l-anness I, ir-rapporti rigward il-publikazzjoni u t-titjib tal-kodiċijiet tal-prattika t-tajba tal-biedja sabiex inaqsu l-livelli tan-nitrati u sabiex jivvalutaw l-informazzjoni li fuqhom l-Istati membri jkunu sejsu l-prattika tajba tal-biedja tagħhom, il-Kummissjoni għanda tipproċedi. Kull ħames snin, u qabel l-ta' Jannar 2002 għall-ewwel darba, sabiex tirrevedi l-livelli massimi mal-mira ġenerali tat-tnaqqis tal-livelli msemija.

2. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni xjentifika ġdida u r-riżultati tal-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri sabiex jiċċekkjaw il-konformita mal-livelli massimi tal-metalli t-tqal u t-3-MCPD fit-taqsimiet 3 u 4 ta' l-Anness I, il-Kummissjoni għandha tipproċedi, kull ħames snin, u qabel il-5 ta' April 2003 għall-ewwel darba, sabiex tirrevedi l-livelli massimi mal-mira ġenerali li jiġi żgurati livell għoli tal-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi.

Artikolu 6

Ir-Regolament (KEE) Nru 194/70 għandu jiġi mħassar b'effett mill-5 Marzu 2002.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jiġu moqrija skond il-tabella tal-korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-5 ta' April 2000. It-taqsimiet 3 (il-metalli t-tqal) u 4 (it-3-MCPD) ta' l-Anness I ma għandhomx japplikaw għall-prodotti li jkunu ġew imqiegħda fis-suq skond il-liġi qabel din id-data.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

IL-LIVELLI MASSIMI GĦAL ĊERTI KONTAMINANTI FL-OĠĠETTI TA' L-IKEL

Taqsim 1: In-Nitrati ⁽¹⁾

Il-Prodott	Il-Livell massimu mg NO ₃ /kg		Il-Metodu tat-teħid tal-kampjunu	Ir-Referenza tal-metodu ta' l-analiżi
1.1. L-Ispinaċi friska ⁽²⁾ (<i>Spinacia oleracea</i>)	Maqlugħa mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu	3 000 ⁽³⁾	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 79/700/KEE ⁽⁴⁾	
	Maqlugħa mill-1 ta' April sal-31 ta' Ottubru	2 500 ⁽³⁾		
1.2. L-Ispinaċi, ippriservata, iffriżata bil-qawwi jew iffriżata		2 000	Id-Direttiva 79/700/KEE	
1.3. Il-Ħass frisk (<i>Lactuca sativa</i> L.) (il-ħass protett u mkabbar fl-apert)	Maqlugħ mill-1 ta' April sal-31 ta' Settembru:	4 500 ⁽³⁾ 3 500 ⁽³⁾ ⁽⁵⁾ 2 500 ⁽³⁾ ⁽⁵⁾	Id-Direttiva 79/700/KEE Madankollu, in-numru minimu ta' l-unitajiet skond il-kampjun tal-laboratorju huwa 10	
	bl-eċċezzjoni tal-ħass imkabbar fl-apert mill-1 ta' Mejju sal 31 ta' Awissu Maqlugħ mill-1 ta' Novembru sal-31 ta' Marzu.			

⁽¹⁾ Din it-Taqsim hija diġa inkluża fir-Regolament (KE) Nru 194/97 u hij mtennija hawnhekk mingħajr tibdil.

⁽²⁾ Il-livelli massimi għall-ispinaċi friska ma japplikawx għall-ispinaċi friska li trid tiġi ssoġġettata għall-proċessar u li hija ttrasportata direttament mill-għalqa għall-impjant tal-proċessar.

⁽³⁾ Bla ħsara għal revizzjoni qabel l-1 ta' Ottubru 1998 b'mod konformi mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(1).

⁽⁴⁾ ĠU L 207, tal-15.8.1979, p. 26.

⁽⁵⁾ Fl-assenza tat-tikkettjar approprijat, li jindika l-metodu tal-produzzjoni, japplika l-limitu stabbilit għall-ħass imkabbar fl-apert.

Taqsim 2: Il-Mikotoksini

Il-Prodott	Il-Livell Massimu (µg/kg)			Il-Metodu tat-teħid tal-kampjuni	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
	B ₁ :	B ₁ + B ₂ + G ₁ + G ₂	M ₁		
2.1. L-AFLATOSSINI ⁽¹⁾					
2.1.1. Il-karawett, il-ġewż u l-frott innixxef					
2.1.1.1. Il-karawett, il-ġewż u l-frott innixxef u l-prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel,	2 ⁽¹⁾	4 ⁽¹⁾	—	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE ⁽²⁾	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE
2.1.1.2. Il-Karawett sabiex jiġi ssoġġettat għall-għażla fi gruppi, jew trattament fiżiku ieħor, qabel il-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel,	8 ⁽¹⁾	15 ⁽¹⁾	—	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 98/53/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE

⁽¹⁾ Il-limiti massimi japplikaw għall-parti li tittiekel tal-karawett, il-ġewż u l-frott innixxef. Jekk jiġi analizzat il-ġewż "fil-qoxra" huwa assunt meta jiġi kkalkolat il-kontenut ta' l-aflatosin illi l-kontaminazzjoni huija fuq il-parti li tittiekel.

⁽²⁾ ĠU L 201, tas-17.7.1998, p. 93.

Il-Prodott	Il-Livell Massimu ($\mu\text{g}/\text{kg}$)			Il-Metodu tat-teħid tal-kampjuni	Il-Kriterji tat-twettiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
	B ₁ :	B ₁ + B ₂ + G ₁ + G ₂	M ₁		
2.1.1.3. Il-Ġewż u l-frott imnixxef sabiex jiġi suġġett għall-għażla fi gruppi jew trattament fiżiku ieħor, qabel il-konsum dirett mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel	5 ⁽¹⁾ ⁽²⁾	10 ⁽¹⁾ ⁽²⁾	—	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE
2.1.2. Iċ-Ċereali (inkluż il-qamħ Saraċin, <i>Fagopyrum</i> sp.)					
2.1.2.1. Iċ-Ċereali (inkluż il-qamħ Saraċin, <i>Fagopyrum</i> sp.) u l-prodotti proċessati tagħhom maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem jew bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel,	2	4	—	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE
2.1.2.2. Iċ-Ċereali (inkluż il-qamħ, <i>Fagopyrum</i> sp.) li jridu jiġu ssoġġettati għall-għażla fi gruppi jew trattament fiżiku ieħor, qabel il-konsum mill-bniedem jew għall-użu bħala ingredjent fl-oġġetti ta' l-ikel	— ⁽³⁾	— ⁽³⁾	—	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE
2.1.3. Il-Ħalib (il-ħaliob mhux maħdum, il-ħalib għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti msejsa fuq il-ħalib u l-ħalib ittrattat bis-sħana kif iddefinit bid-Direttiva tal-Kunsill 92/46/KEE ⁽⁴⁾ , kif l-aħħar emendata bid-direttiva tal-Kunsill 94/71/KE) ⁽⁵⁾	—	—	0,05	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 98/53/KE

⁽¹⁾ Il-livelli massimi għall-ispinaċi friska ma japplikawx għall-ispinaċi friska li trid tiġi ssoġġettata għall-proċessar u li hija ttrasportata direttament mill-għalqa għall-impjant tal-proċessar.

⁽²⁾ Il-limiti massimi għadhom jiġu kkunsidrati mill-ġdid qabel l-1 ta' Lulju 2001 skond il-progress tal-għerf xjentifiku u tekniku.

⁽³⁾ Billi ma jrid jiġi ffixat l-enda limitu speċifiku qabel l-1 ta' Lulju 2001, il-limiti stabbiliti fil-punr 2.1.2.1 tat-tabella jrid japplika wara din id-data għaċ-ċereali riferiti f'dan il-punt.

⁽⁴⁾ ĠU L 268, ta' l-14.9.1992, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 368, tal-31.12.1994, p. 33.

Taqsim 3: Il-Metalli t-Tqal

Il-Prodott	Il-livell massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-kriterji tat-twettiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-kriterji tat-twettiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.1. IĊ-ĊOMB (Pb)			
3.1.1. Il-ħalib tal-baqar (il-ħalib mhux maħdum, il-ħalib għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti msejsa fuq il-ħalib u l-ħalib ittrattat bis-sħana kif iddefinit bid-Direttiva 92/46/KEE)	0,02	Id-Direttiva tal-Kummissjoni (2001/22/KE) ⁽¹⁾	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.2. Il-formoli tat-trabi u l-formoli tas-segwiment kif iddefiniti fid-Direttiva 91/321/KEE ⁽²⁾	0,02	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

⁽¹⁾ Ara l-paġna 14 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ Il-livell massimu japplika għall-prodott kif diġa propost għall-konsum jew ikkostitwit mill-ġdid skond l-istruzzjonijiet tal-fabbrikant.

Il-Prodott	Il-livell massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-kriterji tat-tweqqiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-kriterji tat-tweqqiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.1.3. Il-Laħam tal-bhejjem tal-fart, tal-muntun tal-majjal u tat-tjur kif iddefinit fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE ⁽¹⁾ , kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/23/KE ⁽²⁾ , u l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 71/118/KEE ⁽³⁾ , kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/78/KE ⁽⁴⁾ , bl-esklużjoni tal-ġewwieni kif iddefinit fl-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 64/433/KEE u l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 71/118/KEE	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.3.1. Il-Ġewwieni li jittiekel ta' l-frat, il-muntun, il-majjal u t-tjur kif iddefinit fl-artikolu 2(e) tad-Direttiva 64/433/KEE u l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 71/118/KEE	0,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.4. Il-Laħam tal-muskoli tal-ħut kif iddefinit fil-kategoriji (a), (b) u (e) tal-lista fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ⁽⁵⁾ , bl-esklużjoni ta' l-ispeċji tal-ħut elenkati fil-punt 3.1.4.1	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.4.1. Il-Laħam tal-muskoli tal-lingwata <i>wedge</i> (<i>Dicoglossa cuneata</i>), is-sallura (<i>Anguilla anguilla</i>), l-ispnotta tat-tbajja' (<i>Dicentrarchus punctatus</i>) is-sawrell jew is-sawrell imperjali (<i>Trachurus trachus</i>), il-mulett kaplat (<i>Mugil labrosus</i>), l-isparli komuni ta' żewġ faxex (<i>Diplodus vulgaris</i>), il-grunt (<i>Pomadasys benetti</i>), is-saraga Ewropea jew is-sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)	0,4	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.5. Il-krustaċċi, bl-esklużjoni tal-laħam tal-granċ	0,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.6. Il-Molluski bivalvi	1,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.7. Iċ-Ċefalopodi (mingħajr l-imsaren)	1,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.8. Iċ-Ċereali (inkluż il-qamħ Saraċin), il-legumi u l-ħaxix li jagħmel l-imżiewed	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

(1) ĠU C 121, tad-29.7.1964, p. 2012.

(2) ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 7.

(3) ĠU L 55, tat-8.8.1971, p. 23.

(4) ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.

(5) ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.

Il-Prodott	Il-livell massimu (mg/kg fil-piż imxarrab	Il-kriterji tat-tweqqi tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-kriterji tat-tweqqi tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.1.9. Il-Ħxejjex ta' l-ikel kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE ⁽¹⁾ , kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/48/KE ⁽²⁾ , bl-esklużjoni tal-brassika, il-ħxejjex ta' l-ikel tal-weraq, il-ħwawar friski u l-faqqiġh kollu. Rigward il-Patata, il-livell massimu japplika għall-patata mqaxxa	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.9.1. Il-Brassika, il-ħaxix ta' l-ikel tal-weraq u l-faqqieġh kollu kkultivat	0,3	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.10. Il-Frott kif iddefinit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 90/642/KEE, bl-esklużjoni tal-frott iż-żgħir ta' mingħajr għadma u l-frott l-irqiq	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.10.1. Il-Frott żgħir ta' mingħajr għadma u l-frott l-irqiq kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.11. Ix-xaħmijiet u ż-żjut, inkluż il-grass tal-ħalib	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.12. Il-Meraq tal-frott, il-meraq tal-frott ikkonċentrat (għall-konsum dirett) u n-nettari tal-frott kif iddefiniti fid-direttiva tal-Kunsill 93/77/KEE ⁽³⁾	0,05	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.1.13. L-Inbejjed kif iddefiniti fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 ⁽⁴⁾ (inklużi l-inbejjed li jfexfxu u bl-esklużjoni ta' l-inbejjed likuri), l-inbejjed aromatizzati, u x-xarbiet imsejsa fuq l-inbid aromatizzati u l- <i>cocktails</i> tal-prodotti ta' l-inbid aromatizzati kif iddefiniti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 u s- <i>cider</i> , il- <i>perry</i> u l-inbejjed tal-frott. Il-livell massimu japplika għall-prodotti prodotti mill-ġabra tal-frott tas-sena 2001 il quddiem	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

(1) ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.

(2) ĠU L 197, tat-3.8.2000, p. 26.

(3) ĠU L 244, tat-30.9.1993, p. 23.

(4) ĠU L 179, ta' l-14.7.1999, p. 1.

Il-Prodott	Il-livell massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-kriterji tat-tweqqig tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-kriterji tat-tweqqig tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.2. IL-KADMJU (Cd)			
3.2.1. Il-Laħam tal-bhejjem tal-fart, tan-nagħaġ tal-majjal u tat-tjur kif iddefiniti fl-artikolu 2(a) tad-Direttiva 64/433/KEE u l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 71/118/KEE bl-esklużjoni tal-ġewwieni kif definit fl-Artikolu 2 (e) tad-Direttiva 64/433/KEE u l-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 71/118/KEE	0,05	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.2. Il-Laħam taż-żiemel	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.3. Il-Fwied ta' l-ifrat, tan-nagħaġ, tal-majjal u tat-tjur	0,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.4. Il-Kliewi ta' l-ifrat, tan-nagħaġ, tal-majjal u tat-tjur	1,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.5. Il-Laħam tl-muskoli tal-ħut kif iddefinit fil-kategoriji (a), (b) u (e) tal-lista fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000, bl-esklużjoni ta' l-ispeċji tal-ħut elenkati fil-punt 3.2.5.1	0,05	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.5.1. Il-Laħam tal-muskoli tal-lingwata <i>wedge</i> (<i>Dicoglossa cuneata</i>), is-sallura (<i>Anguilla anguilla</i>), l-inċova Ewropea (<i>Engraulus encrasicolus</i>), il-louvar jew luvar (<i>Luarus imperialis</i>), is-sawrell jew is-sawrell imperjali (<i>Trachurus trachurus</i>), il-mulett kaplat (<i>Mugil labrosus labrosus</i>), l-iparlu komuni ta' żewġ faxex (<i>Diploris vulgaris</i>), is-saraga Ewropea jew is-sardin (<i>Sardina pilchardus</i>)	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.6. Il-krustaċji, bl-esklużjoni tal-laħam tal-granċ	0,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.7. Il-Molluski bivalvi	1,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.8. Iċ-Ċefalopodi (mingħajr l-imsaren)	1,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.9. Iċ-Ċerali, bl-esklużjoni tan-nuħħala, ir-raħs, il-qamħa tal-qamħ u r-ross)	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

Il-Prodott	Il-livell massimu (mg/kg fil-piż imxarrab)	Il-kriterji tat-tweqqiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-kriterji tat-tweqqiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
3.2.9.1. In-Nuħħala, ir-raħs, il-qamħa tal-qamħ u r-ross	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.10. Iż-Żerriegħa tas-sojja	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.11. Il-Ħxejjex ta' l-ikel u l-frott kif iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-direttiva 90/642/KEE, bl-esklużjoni tal-ħxejjex ta' l-ikel tal-weraq, il-ħwawar friski, il-faqqiegħ kollu, il-ħxejjex ta' l-ikel taz-zokk, il-ħxejjex ta' l-ikel tal-basla u l-patata	0,05	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.11.1. Il-ħxejjex ta' l-ikel tal-weraq, il-ħwawar friski, iċ-ċelerjakk (xorta ta' krafes) u l-faqqiegħ kollu ikkultivat	0,2	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.2.11.2. il-Ħxejjex ta' l-ikel taz-zokk, il-ħxejjex ta' l-ikel tal-basla u l-patata, bl-esklużjoni taċ-ċelerjakk. Rigward il-Patata, il-livell massimu japplika għall-patata mqaxxa	0,1	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.3. IL-MERKURJU			
3.3.1. Il-Prodotti mis-sajd, għajr dawk fit-3.3.1.1	0,5	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE
3.3.1.1. Il-Petricċja (<i>Lophius</i> spp.) il-lupu tal-baħar atlantiku (<i>Anarhichaslupus</i>) l-ispnotta (<i>Dicentrarchus labrax</i>) il-molva kaħla (<i>Molva digterygia</i>) il-plamtu (<i>Sarda</i> spp.) is-sallura (<i>Anguilla</i> spp.) il-ħalibatt (<i>Hippoglossus hippoglossus</i>) it-tunnaġġ (<i>Euthynnus</i> spp.) il-marlin (<i>Makaria</i> spp.) il-lizz (<i>Esox lucius</i>) il-plamtu komuni (<i>Percynopsis unicolor</i>) il-gattarell portugiz (<i>Centroscymnes coelolepis</i>) ir-rajja (<i>Raja</i> spp.) is-salamun raġel fl-istaġun tal-bajd (<i>Sebastes marinus</i> , <i>S. mentella</i> , <i>s. Viviparus</i>) il-ħuta tal-genu <i>Istiophorus platypterus</i> il-fjamma (<i>Lepidorus caudatus</i> , <i>Aphanopus carbo</i>) il-kelb il-baħar (l-ispeċji kollha) is-sawrell serp (<i>Lepidocybium flavobrunneum</i> , <i>Ruvettus pretiosus</i> . <i>Gempylus serens</i>) l-istorjun (<i>Acipenser</i> spp.) il-pixxispad (<i>Xiphias ladius</i>) it-tonn (<i>Thunnus</i> spp.)	1,0	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE	Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/22/KE

Taqsim 4: 3-monochloropropane-1,2-diol (3-MCPD)

Il-Prodott	Il-Livell Massimu (mg/kg)	Il-Kriterji at-twertiq tax-xogħol għat-teħid tal-kampjuni	Il-Kriterji tat-twertiq tax-xogħol għall-metodi ta' l-analiżi
4.1. Il-proteina tal-ħxejjex ta' l-ikel idrolizzati ⁽¹⁾	0,02	Id-Direttiva 2001/22/KE	Id-Direttiva 2001/22/KE
4.2. Iz-zalza tas-sojja ⁽¹⁾	0,02	Id-Direttiva 2001/22/KE	Id-Direttiva 2001/22/KE

⁽¹⁾ Il-livell massimu huwa mogħti għall-podott likwidu li jkun fiħ 40 % jew iktar ta' materjal niexef, li jikkorrispondi mal-livell massimu ta' 0,05 mg/kg fil-materjal niexef. Il-livell jeħtieġ li jiġi aġġustat proporzjonalment skond il-kontenut tal-aterjal nyexef tal-prodotti.

ANNEX II

IT-TABELLA TAL-KORRELAZZJONI

Dan ir-Regolament	Ir-Regolament (KE) Nru 194/97
-	L-Artikolu 1
L-Artikolu 1(1)	L-Artikolu 2(1)(a)
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)(b)
L-Artikolu 2(1)	L-Artikolu 2(1)(c)
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 2(2)
L-Artikolu 3(1)	L-Artikolu 2(3)
L-Artikolu 4(2)	L-Artikolu 2(4)
L-Artikolu 4(3)	L-Artikolu 2(5)
L-Artikolu 3(2)	L-Artikolu 3, l-ewwel paragrafu
L-Artikolu 3(3)	It-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 3
L-Artikolu 5(1)	It-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 3
L-Artikolu 1(3)	L-Artikolu 4
It-taqsim 1 "In-Nitrati" ta' l-Anness I,	Il-punt I "In-Nitrati" tal-kontaminanti agricoli fl-Anness I
It-taqsim 2 "Il-Mikotosini" ta' l-Anness I,	Il-punt 2 "Il-Mikotosini" tal-kontaminanti agricoli fl-Anness I
-	L-Anness II "Kontaminanti oħra"